# IT-TIELET PARTI — QORTI TAL-KUMMERĊ

13 ta' Jannar, 1955

Imħallef:

Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Emmanuele Cassar *versus* Silvio Mifsud ne.

## Bastiment — Kaptan — Rakkomandatarju — Rappreżentanza Gudizzjarja — Mandat

*Ir-rappreżentanza gudizzjarja tal-proprjetarji u armaturi ta' bastiment hija fil-fatt diviża bejn il-kaptan u r-rakkomandatarju. Il-kaptan jipprovdi għall-funzjoni teknika, jiġifieri għall-govern tal-bastiment; ir-rakkomandatarju hu prepost għall-funzjoni ekonomika, jiġifieri għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt tat-trasport.*

*Ir-rakkomandatarji huma ta' tliet sorta:— 1. Is-sempliċi konsenjatarji, jew aġenti tal-vapur, li jiġu magħżulin kull darba li l-bastiment innur fil-post fejn joqgħod il-konsenjatarju, fejn ma jkunx hemm rakkomandatarju stabili; u l-fakoltajiet tagħhom huma limitati għall-operazzjonijiet relattivi għall-karikament u skariknment ta' bastiment wieħed determinat, f'post wieħed; 2. ir-rakkomandatarji, li huma dawk li jirrappreżentaw lill-armatur b'mandat ġenerali, għal dak li jirrigwarda l-eżekuzzjoni ekonomika u kummerċjali tal-kuntratt tat-trasport, li jestendi ruħu għall-operazzjonijiet kollha kemm huma relattivi għall-bastimenti kollha tal-armaturi; 3. ir-rappreżentanti jew aġenti tas-soċjetajiet ta' navigazzjoni, li huma instituri veri u proprji, għax jittrattaw u jikkonkludu abitwalment l-affarijiet kollha tas-soċjetà li jirrappreżentaw fil-post fejn joqgħodu, u f'dak il-post huma preposti għall-kummerċ kollu li fl-istess post jiġi eżerċitat mis-soċjetà mandanti.*

*Għar-rigward tal-aġenti ta' soċjetajiet ta' navigazzjoni, kif ukoll għar-rigward tar-rakkomandatarji, ma hemmx dubju li huma jirrappreżentaw l-armatur jew il-proprjetarju anki f'ġudizzju, kemm "in activis" kemm "in passivis", għal dak kollu li jidħol fl-isfera tal-fakoltajiet tagħhom kummerċjali; kwantu għall-kon-*

*senjatarji, però, id-dottrina ma hix konkordi jekk għandhomx din ir-rappreżentanza ġudizzjarja.*

*Imma, skond il-liġi tagħna, il-mandatarju, anki dak b'mandat speċjali, għandu din ir-rappreżentanza ġudizzjarja fl-eżekuzzjoni tal-mandat, meta l-mandant innifsu jkun nieqes mill-Gżira; u l-konsenjatarju għandu l-figura ġuridika ta' mandatarju okkażjonali b'mandat speċjali u limitat. B'mod li l-konsenjatarju ma għandux din ir-rappreżentanza ġudizzjarja tal-armatur jew proprjetarju f'kawżi li l-meritu tagħhom jeċċedi l-limiti tal-mandat tiegħu.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attur, wara li ppremetta illi fil-21 ta' Frar, 1951, huwa kera "mobile crane" lill-konvenut nomine għall-iżbark ta' injam minn fuq l-imsemmi moto-veljer "Lodoletta" għal fuq il-moll; u li f'dik l-okkażjoni l-istess "crane" ġie danneġġjat; talab, prevja, f'każ ta' bżonn, id-dikjarazzjoni illi l-konvenut nomine huwa responsabbli tal-ħsara fuq imsemmija, li jiġi likwidat, f'każ ta' bżonn anki permezz ta' periti, l-ammont tad-danni minnu sofferti, u l-istess konvenut jiġi kundannat iħallas lilu s-somma li tiġi likwidata bħala riżarċiment ta' l-istess danni; bl-imgħax kummerċjali, u bl-ispejjeż;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li ssottometta: illi huwa ma għandux ir-rappreżentanza ġudizzjarja tal-veljer fuq imsemmi, għalkemm l-istess veljer ġie li kien appoġġjat miegħu meta kien f'Malta; u illi, mingħajr preġudizzju ta' l-ewwel eċċezzjoni, fil-meritu hu ma jaf xejn dwar il-ħsara fuq indikata, u kwindi rriżerva d-dritt li jissolleva kull eċċezzjoni wara li l-attur ikun ipproduċa l-provi tiegħu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar il-preġudizzjali;

Illi l-konvenut xehed — dan huwa riassunt — "Meta l-iskuna "Lodoletta" daħlet fil-port ta' Malta, il-kaptan tagħha nnominani bħala aġent. Qalli: 'Int l'aġent tagħna'. Għal dik l-okkażjoni jiena kont l-aġent ta' l-iskuna (fol. 20 u fol. 20 tergo). F'dan il-każ partikulari jiena kont nidher għall-kaptan għal kull ħaġa li kienet rikjesta in konnessjoni ma' l-iskuna f'Malta, jiġifieri ikel u oġġetti oħra meħtieġa għall-bastiment u għall-vjaġġ tiegħu (fol. 25). Jiena ma

kellix x'naqsam mal-merkanzija (fol. 21). L-uniku nteress li kelli in rigward tal-ħatt tal-merkanzija kien li nordna n-nies li jħottu (fol. 2? tergo). Jiena kelli l-inkariku biex inqabbad in-nies biex jiskarikaw il-merkanzija, għaliex il-"port labourers" qatt ma jmorru jirranġaw mal-kaptani tal-vapur (fol. 25). Ir-riċevuta tal-merkanzija li nħattet ma saretx minni (fol. 25 tergo). Ma ġejtx inkarikat biex naħseb għall-iskarikament tal-merkanzija; iżda, peress li n-nies ta' l-"Union" jridu li jkun hemm responsabbli għall-paga tagħhom persuna hawn Malta, ordnajthom jiena; imma l-iskarikament tal-merkanzija għamlu l-kaptan, u jiena ma ndħalt f'xejn. Fi kwalunkwe każ, in-nies ta' l-"Union" irridu nqabbduhom aħna, u mhux il-kaptan. Jekk iqabbadhom il-kaptan ma jaħdmux, għaliex iridu li jkun hawn f'Malta persuna responsabbli għad-drittijiet tagħhom (fol. 25 tergo). Ir-riċevitur ried "crane", peress li ma setgħax iħott il-merkanzija minħabba li l-"winch" kien "out of order". Il-kaptan tkellem mal-proprjetarju tal-"crane" għall-kiri tagħha (fol. 21). Ma nistax ngħid, wara li rajt id-dokument li qiegħed jiġi eżibit, u li l-Qorti qegħedha timmarka bl-ittra "X", jekk il-prezz tal-kiri tal-"crane" ħallasnieħx aħna, jiġifieri d-ditta konvenuta. Issa li qiegħed ifakkarni d-difensur ta' l-attur, ngħid li l-prezz tal-kiri tal-"crane" ħallasnieħ aħna. Id-ditta konvenuta ħallset għan-nom u fl-isem tal-kaptan ta' l-iskuna (fol. 20 tergo). Il-prezz tal-kiri tal-"crane" ħallasnieħ aħna għaliex il-kaptan qalilna biex inħallsuħ aħna. Issa li qiegħed nara n-notamenti li għandi, ngħid illi l-prezz tal-kiri tal-"crane" ma ħallastux jien, imma ħallsu direttament il-kaptan, jew xi ħaddieħor għalieħ, għaliex jien żgur li ma ħallastux jiena (fol. 25 tergo). Kien il-kaptan li kera l-"crane"; kien hu li kellem il-proprjetarju tal-"crane" għall-kiri tagħha (fol. 20 tergo). In segwitu smajt li n-nies ta' l-iskuna, fil-waqt li kienu qegħdin iħaddmu l-"crane", għamlulha ħsara fil-kabina (fol. 20)";

Għal dawn il-fatti, riżultanti mix-xhieda ta' l-attur, ma ġiet prodotta l-ebda prova kuntrarja;

**Tikkunsidra;**

Illi r-rappreżentanza tal-proprjetarji u armaturi ta' bastiment hija fil-fatt diviża bejn il-kaptan u r-rakkomanda-

*tarju; l-ewwel wieħed jipprovdi għall-funzjoni teknika, jiġifieri* għall-govern tal-bastiment; l-ieħor hu prepost għall-funzjoni ekonomika, jiġifieri għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt tat-trasport.

Ir-rakkomandatarji huma ta' tliet speċji: is-sempliċi konsenjatarji, ir-rakkomandatarji proprji, u r-rappreżentanti jew aġenti tas-soċjetajiet ta' navigazzjoni. Il-konsenjatarji jew aġent ta' bastiment huma dawk li jiġu magħżulin kull darba li l-bastiment imur fil-port fejn joqgħod il-konsenjatarju, *fejn ma jkunx hemm rakkomandatarju stabili,* u l-fakoltajiet tagħhom huma limitati għall-operazzjonijiet li jkollhom x'jaqsmu u li jkunu l-konsegwenza tal-fatt tal-karikament u ta' l-iskarikament ta' bastiment wieħed, determinat, f'port wieħed. Il-figur ġuridika tagħhom hija kwindi dik ta' mandatarju okkażjonali b'mandat speċjali u limitat. Ir-rakkomandatarji, inveċe, jirrappreżentaw l-armatur b'mandat ġenerali għal dak li jirrigwarda l-eżekuzzjoni ekonomika u kummerċjali tal-kuntratt ta' trasport, li *jestendi ruħu għall-operazzjonijiet, kollha kemm* huma, ta' karikament u skarikament, provvisti, prattiki u xogħolijiet oħra annessi u konnessi ma' l-operazzjonijiet relattivi għall-bastimenti kollha ta' l-armatur li jkun innominana r-rakkomandatarju. Ir-rappreżentanti jew aġenti tas-soċjetajiet ta' navigazzjoni huma instituri veri u proprji, għaliex jittrattaw u jikkonkludu abitwalment l-affarijiet kollha tas-soċjetà li jirrappreżentaw fil-post fejn joqgħodu, u f'dak il-post huma preposti għall-kummerċ kollu li fl-istess post jiġi eżerċitat *mis-soċjetà mandanti;*

Illi ma hemm l-ebda dubju li tant l-aġent ta' soċjetà ta' navigazzjoni kemm ir-rakkomandatarju jirrappreżenta l-armatur, jew il-proprjetarju, anki f'ġudizzju — "tanto in activis quanto in passivis", kif jgħid Pipia — għal dak kollu li jidħol l-isfera tal-fakoltajiet kummerċjali tagħhom; imma, in rigward ta' dan, id-dottrina mhix konkordi riferibbilment għall-aġent tal-vapur jew konsenjatarju. U difatti, fil-waqt, per eżempju, illi l-imsemmi Pipia jirritjeni illi l-konsenjatarju ma għandux *ir-rappreżentanza ġuridika* ta' l-armatur, u lanqas tal-kaptan, "nec in activis nec in passivis" (Vol. I, paġ. 428), Ascoli, inveċe, jopina illi anki l-konsenjatarju

għandu r-rappreżentanza fil-kawżi attivi u passivi, naturalment għal dawk l-operazzjonijiet speċjali fuq aċċennati;

Illi skond Hiġi tagħna l-mandatarju, anki jekk b'mandat speċjali, għandu r-rappreżentanza tal-mandant fil-kawżi, tant attivament kemm passivament, il-eżekuzzjoni tal-mandat, meta l-mandant innifsu jkun nieqes mill-Gżira;

Tikkunsidra:

Illi, f'dan il-każ, kunsidrat dak li ntqal fuq, id-ditta "S. Mifsud & Sons" setgħet kienet sempliċement konsenjatarja, anzi proprjament lanqas tali, peress li ma kellhiex x'jindaħal ma' l-iskarikament tal-merkanzija; għaliex il-konsenjatarju jiġi magħżul appuntu biex jippresta l-opera tiegħu għall-iskarikament u konsenja tal-merkanzija; għal liema xogħol huma limitati l-fakoltajiet tiegħu; u dina l-limitazzjoni tagħtieħ il-figura speċjali tiegħu ta' sempliċi konsenjatarju, li ġuridikament mhux jista' jkun, kif ġa' ngħad, ta' sempliċi mandatarju okkażjonali. Id-ditta "S. Mifsud & Sons" kienet mandatarja b'mandat speċjali għal dawk l-affarijiet l-oħra fuq indikati — biex tipprovdi għan-nom tal-kaptan l-ikel u l-oġġetti l-oħra neċessarji għall-bastiment u għall-viaġġ tiegħu, u biex tqabbad biss in-nies għall-iskarikament tal-merkanzija; anzi, in rigward għal dina l-tieni attari, lanqas ma kienet proprjament mandatarja fil-konfront bejnha u dawk in-nies, peress illi, almenu kif xehed il-konvenut, ma ttrattatx ma' dawk in-nies għan-nom u bħala mandatarju tal-kaptan, imma personalment, b'responsabbiltà proprja, għaliex hekk teżiġi l-"Union" tagħhom. Riferibbilment għall-kiri tal-"crane" in kwistjoni, il-kaptan, fl-istess ħin armatarju tal-bastiment, ittratta direttament mal-lokatur tagħha, u mhux permezz ta' l-imsemmija ditta bħala mandatarja tiegħu, u kwindi l-istess ditta qatt ma rrappreżentat lill-kaptan u armatur fl-operazzjoni li dan għamel relattivament għall-istess "crane", u lanqas ma jista' jingħad li tirrappreżentah billi l-kiri tal-"crane" kien konness, għax neċessarju, għall-iskarikament tal-merkanzija; u dana għaliex, fil-każ partikulari, id-ditta konvenuta ma ġietx magħżula biex tagħmel l-operazzjonijiet attinenti u konsegwenti għall-iskarikament, li saru, inveċi, perso-

nalment u direttament mill-kaptan armatur tal-bastiment preżenti fil-Gżira. Id-ditta fuq riferita ma għandhiex ir-rappreżentanza ġudizzjarja ta' l-armatur f'kawżi li l-meritu tagħhom jeċċedi l-limiti tal-mandat tagħha; u kwindi l-eċċezzjoni relattiva, sollevata mill-konvenut nomine, hija ben fondata, u għandha tiġi milqugħa;

Għaldaqshekk;

Tilqa' dik l-eċċezzjoni, u kwindi tillibera lill-konvenut nomine mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż.